II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 470/2014

tat-13 ta' Mejju 2014

li jimponi dazju antidumping u ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) u 14(1) tiegħu,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri Proviżorji

(1) Fit-28 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) imponiet dazju antidumping proviżorju fuq importazzjonijiet ta' ħġieġ solari mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament (UE) Nru 1205/2013 (ir-Regolament proviżorju) [2].

(2) Il-proċediment inbeda fit-28 ta' Frar 2013 wara lment ippreżentat f'isem il-produtturi li rrappreżenta aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-ħġieġ solari [3].

(3) L-investigazzjoni tad-dumping u tal-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni (il-perjodu kkunsidrat).

2. Il-proċedura sussegwenti

(4) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali, li fuq il-bażi tagħhom ġie impost dazju antidumping proviżorju (l-iżvelar proviżorju), għadd ta' partijiet interessati ressqu sottomissjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet proviżorji. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw l-opportunità li jinstemgħu.

(5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha. Il-kummenti verbali u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet proviżorji ġew modifikati skont dan.

(6) Sussegwentement, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet kollha bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ir-RPĊ) u tiġbor b'mod definittiv l-ammonti garantiti permezz ta' dazju proviżorju (l-iżvelar definittiv). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar l-iżvelar finali.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping proviorju fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 8).
[3] Notfika ta' bidu ta' proċedura ta' antidumping rigward l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU C 58, 28.2.2013, p. 6).

(7) Il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu, fejn xierqa.

3. **Kampjunar**

(8) Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li l-għadd totali ta' produtturi tal-Unjoni ma kienx ippreżentat b'mod ċar fil-premessi 7, 11 u 75 tar-Regolament proviżorju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hawnhekk tikkonferma li kien hemm tmien produtturi tal-Unjoni li ppreżentaw irwieħhom u kienu attivi matul il-PI. Inżammet l-identità tal-produtturi tal-Unjoni kollha ħlief ta' wieħed. Fit-tweġiba tiegħu għad-dokument ġenerali tal-iżvelar, l-ilmentatur semma tliet produtturi tal-Unjoni li fallew (Guardian, AGC u Centrosolar Glass), u r-raba' kumpanija li naqqset il-produzzjoni tagħha b'mod sinifikanti (Saint Gobain).

(9) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn fir-rigward tal-metodu ta' kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ u tal-produtturi tal-Unjoni, is-sejbiet proviżorji fil-premessi 7 sa 24 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika**

(10) Wara l-adozzjoni tar-Regolament proviżorju, saret żjara ta' verifika fil-bini tat-tieni utent li kkoopera, jiġifieri Viessmann Faulquemont SAS, Franza.

5. **Id-drittijiet proċedurali**

(11) Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li l-iżvelar proviżorju provdut lilu kien inadegwat, b'mod partikolari fir-rigward tad-dumping, it-twaqqigħ fil-prezz u l-kalkoli tal-marġini tal-ħsara. Fin-nuqqas ta' żvelar xieraq huwa ġie mċaħħad mid-drittijiet fundamentali tad-difiża tiegħu, li huma garantiti mir-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ir-Regolament bażiku), il-Ftehim Antidumping tad-WTO kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(12) Fir-rigward tal-kalkolu tal-marġini ta' dumping, il-produttur esportatur iddikjara li ma ngħataw l-ebda dettalji fl-iżvelar proviżorju fir-rigward tal-ammont ta' aġġustament applikat fuq il-kost tal-kisi u l-kost tal-proċess tal-produzzjoni float (ara l-premessa 64 tar-Regolament prvviżorju) jew il-perċentwal tal-kostijiet ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi u l-profitt.

(13) Din id-dikjarazzjoni ġiet aċċettata u l-Kummissjoni żvelat informazzjoni addizzjonali. Meta ma setgħetx tiġi pprovduta dejta preċiża minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ġew żvelati l-firxiet.

(14) Wara l-iżvelar definittiv, il-produttur esportatur iddikjara li d-dejta żvelata xorta ma kenitx biżżejjed u argumenta b'mod partikulari li ma kienx ċar jekk l-aġġustament applikat għall-kost tal-kisi kenitx tqis il-kost tal-kisi minn naħa waħda, kisi miż-żewġ naħat jew it-tnejn.

(15) Kif spjegat fil-premessa 68 hawn taħt, ma ġiet provduta l-ebda evidenza mill-partijiet interessati li turi li hemm differenza konsistenti fil-kostijiet tal-produzzjoni bejn il-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda u dak miksi miż-żewġ naħat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma għamlitx distinzjoni bejn il-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda u dak miksi miż-żewġ naħat meta ġie kkalkulat il-livell tal-aġġustament.

(16) Fir-rigward tal-ħsara, l-istess produttur esportatur ilmenta li fid-dokument speċifiku tal-iżvelar tiegħu l-prezzijiet tal-bejgħ u l-prezzijiet indikattivi tal-produtturi tal-Unjoni fir-rigward ta' żewġ tipi ta' prodotti minn total ta' ħamsa kienu mmarkati bħala limitati jew ipprovduti f'format mifrux għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(17) Il-kumpanija argumentat ukoll li f'dan il-każ hemm livell għoli ta' kunfidenzjalità fejn l-isem ta' produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun wieħed biss huwa magħruf. Konsegwentement, il-kumpanija kienet tal-opinjoni li anke jekk għal ċerti tipi ta' prodotti l-informazzjoni hija relatata mad-dejta ta' produttur wieħed jew tnejn tal-Unjoni biss, bl-ebda mod ma jkun possibbli li jiġu identifikati dawk il-kumpaniji, u b'riżultat ta' dan, li jingħata vantaġġ kompetittiv sinifikanti lill-produttur esportatur fil-konfront ta' kwalunkwe mill-kompetituri tal-Unjoni tiegħu individwalment jew kollettivament.

(18) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni hija tabilħaqq marbuta li tiżvela wara l-miżuri proviżorji d-dettalji sottostanti għall-fatti essenzjali u l-konsiderazzjoni li fuq il-bażi tagħhom ġew imposti l-miżuri. Madankollu, il-Kummissjoni hija obbligata wkoll skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku li tqis bħala kunfidenzjali kull informazzjoni li hija hekk skont in-natura tagħha jew li hija provduta fuq bażi kunfidenzjali.

(19) F'dan il-każ partikulari l-prezzijiet attwali tal-bejgħ u l-prezzijiet indikattivi tal-produtturi tal-Unjoni għal żewġ tipi ta' prodotti tneħħew jew inbdlu b'firxiet, minħabba li l-informazzjoni ta' wieħed minn dawn it-tipi ta' prodotti ġejja esklużivament minn produttur wieħed jew tnejn tal-Unjoni biss. Barra minn hekk, huwa fatt magħruf sewwa f'dan in-negozju li dan it-tip ta' prodott partikulari ma huwa prodott minn l-ebda produttur tal-Unjoni ieħor. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis din l-informazzjoni bħala kunfidenzjali min-natura tagħha minħabba li l-iżvelar

tagħha jkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-kompetituri u/jew jista' jkollu effett ħażin sinifikanti fuq il-kumpanija/i li tipprovdi/jipprovdu l-informazzjoni. Barra minn hekk, l-istess tip ta' informazzjoni tneħħiet għat-tieni tip ta' prodott sabiex jiġi evitat li ċ-ċifri għall-ewwel tip ta' prodott ikunu jistgħu jitnaqqsu mit-total taċ-ċifri disponibbli.

(20) Wara l-iżvelar definittiv, il-kumpanija tenniet id-dikjarazzjonijiet tagħha li l-livell ta' żvelar tal-kalkoli tal-marġini ta' ħsara ma kinux biżżejjed u mhux adegwati. Speċifikament, hija lmentat li ma kienx ċar kif it-tieni tip ta' prodott li tneħħew iċ-ċifri tiegħu ntgħażel. Il-Kummissjoni tiċċara li dan sar fuq bażi purament aleatorja.

(21) Bħala soluzzjoni għall-allegat nuqqas ta' żvelar, il-kumpanija pproponiet li l-avukati tagħha jistgħu jiltaqgħu mal-persunal tal-Kummissjoni u jiddiskutu fid-dettall il-kalkoli tal-marġni tad-dumping u tal-ħsara mingħajr ma ssir kopja tal-ebda dokument kunfidenzjali, jew alternattivament ikollhom aċċess għal kamra ta' dejta fil-bini tal-Kummissjoni fejn jistgħu jittieħdu noti.

(22) Il-Kummissjoni ma setgħetx tilqa' din it-talba. Sabiex l-avukati tal-kumpanija jkunu jistgħu jivverifikaw il-kalkoli, ikunu jridu jiġu pprovduti ċifri eżatti minn kumpanija waħda jew tnejn. Dan ma setax isir billi l-Kummissjoni hija obbligata żżomm din id-dejta kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(23) Barra minn hekk, fl-iżvelar definittiv il-Kummissjoni semmiet espliċitament li fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni rigward id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija — bħall-aċċess għall-fajl — hija tista' tindirizza lill-Uffiċjal tas-Seduta skont it-Termini ta' Referenza tal-Uffiċjal tas-Seduta. ([1]) Madankollu, il-kumpanija ma talbitx għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi żmien id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni ta' kummenti dwar l-iżvelar definittiv.

(24) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tirrifjuta d-dikjarazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ksur possibbli tad-drittijiet proċedurali tal-produttur esportatur inkwistjoni.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(25) Kif stabbilit fil-premessa 26 tar-Regolament proviżorju, il-prodott ikkonċernat huwa l-ħġieġ solari magħmul minn ħġieġ ċatt ittemprat bil-ġir tas-soda, b'kontenut tal-ħadid ta' anqas minn 300 ppm, trażmittanza solari ta' aktar minn 88 % (mkejla skont l-AM1,5 300-2 500 nm), reżistenza għas-sħana sa 250 °C (mkejla skont l-EN 12150), reżistenza għal xokkijiet termali ta' Δ 150 K (mkejla skont l-EN 12150) u li jkollu saħħa mekkanika ta' 90 N/mm^2 jew aktar (mkejla skont l-EN 1288-3) ("il-prodott ikkonċernat", normalment jissejjaħ "ħġieġ solari"). Il-prodott ikkonċernat attwalment jaqa' fl-ambitu tal-kodiċi NM ex 7007 19 80.

2. Dikjarazzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodotti

(26) Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara wara l-iżvelar proviżorju li, kuntrarju għal dak li ġie ddikjarat fil-premessa 32 tar-Regolament proviżorju, il-ħġieġ ortikulturali li huwa konformi mal-karatteristiċi tekniċi tal-ħġieġ solari, kif definit fil-premessa 26 tar-Regolament proviżorju, għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodotti. L-ewwel nett, skont l-esportatur, il-karatteristiċi fiżiċi tal-ħġieġ ortikulturali huma pjuttost differenti minn dawk tal-ħġieġ solari: (i) il-ħġieġ ortikulturali għandu daqsijet differenti skont ir-rekwiżit tal-klijenti, filwaqt li l-ħġieġ solari jinsab f'ċerti daqsijiet fissi; (ii) il-ħġieġ ortikulturali miksi miż-żewġ naħat, iżda l-ħġieġ solari għall-moduli fotovoltajċi (moduli FV) mhuwiex miksi miż-żewġ naħat. It-tieni nett, il-ħġieġ ortikulturali allegatament għandu użu differenti: ma jistax jintuża għall-manifattura ta' moduli fotovoltajċi jew kolletturi termali.

(27) Il-Kummissjoni tirrifjuta d-dikjarazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, il-fatt li l-ħġieġ solari użat għall-manifattura tas-serer għandu daqsijiet differenti minn ħġieġ solari użat għal moduli fotovoltajċi jew kolletturi termali huwa irrilevanti billi r-rekwiżiti tad-daqs jistgħu jvarjaw kemm għall-moduli fotovoltajċi kif ukoll għas-serer. Barra minn hekk, kwalunkwe esklużjoni tal-prodott fuq din il-bażi tista' tagħti lok għal ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping. It-tieni nett, il-ħġieġ ortikulturali mibjugħ fis-suq mhuwiex biss ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat, iżda jista' jkun ukoll mhux miksi u miksi minn naħa waħda. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (68) hawn taħt, il-ħġieġ miksi miż-żewġ naħat jintuża wkoll kemm għall-moduli fotovoltajċi kif ukoll għall-kolletturi termali. Għaldaqstant, din il-karatteristika fiżika ma tistax tiddistingwi l-ħġieġ solari użat għal ħġieġ ortikulturali minn kwalunkwe użu ieħor. Fl-aħħar nett, ma jistax jiġi eskluż li l-ħġieġ solari destinat għall-manifattura tal-ħġieġ tas-serer jintuża għall-manifattura tal-moduli fotovoltajċi u/jew kolletturi termali.

([1]) Id-Deċiżjoni 2012/199/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Frar 2012 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċeduri kummerċjali (ĠU L 107, 19.4.2012, p. 5).

(28) Wara l-iżvelar, wieħed mill-importaturi argumenta li billi l-ħġieġ solari li jista' jintuża wkoll bħala ħġieġ għall-għamara ma ġiex eskluż mill-ambitu, dan jirriżulta f'piż amministrattiv u dewmien għall-kumpaniji. Dan huwa allegatament ikkawżat mill-fatt li l-kumpaniji huma mitluba jibagħtu rapporti tat-testijiet lill-Awtoritajiet Doganali fl-Unjoni kull darba li l-Awtoritajiet Doganali jiddubitaw jekk l-oġġetti importati humiex soġġetti għall-miżuri.

(29) Il-Kummissjoni tqis li dawk it-tipi ta' ħġieġ ma għandhomx jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni, għax il-ħġieġ solari jista' potenzjalment ikollu użu ortikulturali u għall-għamara. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni adegwata tal-industrija tal-Unjoni kontra l-effett dannuż tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, għandhom jiġu evitati lakuni li jistgħu jippermettu ċirkomvenzjoni. L-effett pożittiv tal-protezzjoni adegwata jissupera l-effett negattiv tal-piż amministrattiv addizzjonali li jista' jiġġarrab mill-importatur ikkonċernat.

(30) Produttur esportatur ieħor iddikjara li l-ħġieġ float għandu jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott billi dak li jipproduċi hu jintuża fis-suq tal-bini u fis-suq tas-serer. Barra minn hekk, huwa allega li l-ħġieġ float ma jintużax għall-manifattura tal-moduli fotovoltajċi. Madankollu, fuq il-bażi tal-argumenti mressqa mill-Kummissjoni fil-premessa 33 tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni ttenni li l-ħġieġ float jikkonforma b'mod ċar mal-karatteristiċi tekniċi tal-ħġieġ solari, kif stabbilit fil-premessa 26 tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, il-ħġieġ float huwa prodott kemm mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll mill-produtturi esportaturi. Dan huwa kkonfermat minn informazzjoni disponibbli pubblikament fuq l-Internet. ([1]) Konsegwentement, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

3. **Konklużjoni**

(31) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-konklużjonijiet li waslu għalihom fil-premessi 26 sa 33 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

C. **ID-DUMPING**

1. **Trattament tal-Ekonomija tas-Suq (TES)**

(32) Wara l-iżvelar proviżorju u sussegwentement wara l-iżvelar definittiv, wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li l-Kummissjoni żbaljat meta ċaħdet it-talba tagħha għal TES. Kienet diġà saret l-istess dikjarazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tat-TES fl-istadju proviżorju u kienet ġiet miċħuda mill-Kummissjoni fil-premessi 43 u 47 tar-Regolament proviżorju.

(33) Il-produttur esportatur iddikjara li l-benefiċċji rċevuti minn reġimi ta' taxxa preferenzjali u l-għotjiet ma jirrappreżentawx proporzjon sinifikanti tal-fatturat tagħhom. F'dan ir-rigward, ta' min jiftakar li dan l-argument, flimkien ma' argumenti oħrajn, kien diġà ġie indirizzat fl-ittra tal-Kummissjoni għall-esportatur, bid-data tat-13 ta' Settembru 2013, li fiha l-Kummissjoni nnotifikat lill-parti fir-rigward tad-determinazzjoni tat-TES tagħha. B'mod partikolari, ġie enfasizzat li minħabba n-natura ta' dan il-vantaġġ, il-benefiċċju assolut riċevut matul il-PI huwa irrelevanti għall-valutazzjoni ta' jekk id-distorsjoni hijiex "sinifikanti". Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

(34) Fir-rigward ta' dan ta' hawn fuq, is-sejba li d-dikjarazzjonijiet kollha tat-TES għandhom jiġu miċħuda, kif stabbilit fil-premessi 34 sa 47 tar-Regolament proviżorju, hija kkonfermata.

2. **Il-valur normali**

2.1. *L-għażla ta' pajjiż analogu*

(35) Fir-Regolament proviżorju, it-Turkija ntgħażlet bħala pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li t-Turkija mhijiex pajjiż analogu xieraq għall-fini tal-istabbiliment tal-valur normali minħabba l-fatt li hemm produttur wieħed biss tal-ħġieġ solari fit-Turkija u li ma hemm kważi l-ebda importazzjoni ta' ħġieġ solari fis-suq Tork. Il-produttur esportatur iddikjara wkoll li l-marġini ta' profitt fis-suq domestiku Tork tal-ħġieġ solari kien partikolarment għoli, u għalhekk jgħolli b'mod artifiċjali l-livell tal-valur normali. Barra minn hekk, l-istess produttur esportatur fakkar li ma kien hemm l-ebda teknoloġija tal-kisi applikata fuq il-ħġieġ solari prodott fit-Turkija u li l-ebda ħġieġ solari Tork ma ġie prodott bl-użu tal-proċess ta' produzzjoni float. B'konsegwenza ta' dan, l-elementi ewlenin meħtieġa għall-istabbiliment tal-valur normali ma setgħux jinkisbu mis-suq domestiku Tork tal-prodott simili. Għaldaqstant, il-produttur esportatur argumenta li l-prezzijiet tal-Unjoni kellhom jintużaw minflok bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali.

(36) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar li ma hemm l-ebda ostakoli kummerċjali sinifikanti fit-Turkija fir-rigward tal-prodott simili. Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li s-suq Tork tal-ħġieġ solari huwa eskluż għall-kummerċ internazzjonali. Għall-kuntrarju, is-suq huwa miftuħ u l-prezz fuq dak is-suq domestiku tal-prodott simili jiġi ddeterminat liberament bl-interazzjoni tal-provvista u d-domanda.

([1]) http://www.fsolar.de/cms/fileadmin/user_upload/Bilder/PVSEC_2013/Presse_Information_EU_PVSEC_2013_Paris_ENG.pdf

(37) It-tieni nett, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' profitti partikolarment għoljin fis-suq domestiku Tork, il-Kummissjoni tenfasizza li hija ma osservatx marġini ta' profitt eċċessiv fis-suq tal-prodott simili fit-Turkija matul il-PI meta mqabbel ma' marġini ta' profitt realizzati minn produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(38) It-tielet nett, in-nuqqas ta' ċerti tipi ta' prodotti f'pajjiż terz ma jagħmluhx mhux xieraq bħala pajjiż analogu. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku jistipula li fin-nuqqas ta' bejgħ domestiku ta' ċerti tipi ta' prodotti l-Kummissjoni tibni valur normali bbażat fuq il-kost tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u għall-profitti. Il-kontribuzzjoni tal-kost għall-kisi u l-proċess ta' produzzjoni float kienu bbażati fuq dejta vverifikata mill-industrija tal-Unjoni.

(39) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-dikjarazzjoni li t-Turkija mhijiex pajjiż analogu adatt hija rrifjutata.

(40) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument li l-valur normali kellu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet realment imħallsa fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' biss tmur lura għall-prezzijiet tal-Unjoni biex tiddetermina l-valur normali jekk ma jkunx possibbli li dak il-valur jiġi determinat abbażi tad-dejta minn pajjiż analogu xieraq. Billi nstab pajjiż analogu xieraq b'biżżejjed kooperazzjoni minn produttur, il-Kummissjoni kienet obbligata tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi tad-dejta minn dan il-pajjiż analogu u ma tmurx lura għall-prezzijiet tal-Unjoni. ([1])

(41) Il-Kummissjoni tikkonferma l-għażla tat-Turkija bħala pajjiż analogu fit-tifsira tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.

2.2. *Il-valur normali*

(42) Produttur esportatur wieħed iddikjara li l-Kummissjoni żbaljat fid-determinazzjoni tal-valur normali billi bbażatu fuq il-bejgħ bi profitt biss fil-pajjiż analogu u żiedet marġini ta' profitt ipotetiku għal dak il-bejgħ li ma għamilx profitt.

(43) Il-Kummissjoni tikkonferma li għad-determinazzjoni tal-valur normali, kif spjegat fil-premessi 61 u 62 tar-Regolament proviżorju u kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku, hija kienet ivverifikat li mill-inqas 80 % tal-bejgħ tat-tipi kollha ta' prodotti tal-prodott simili fis-suq domestiku Tork kien bi profitt. Għaldaqstant, il-bejgħ kollu fis-suq domestiku Tork, kemm jekk bi profitt kif ukoll jekk le, tqies għad-determinazzjoni tal-valur normali. Għaldaqstant, dan l-argument huwa bla bażi u għalhekk rifjutat.

(44) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar id-determinazzjoni tal-valur normali, il-premessi (58) sa (64) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2.3. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(45) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment rigward il-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-premessa 65 tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

2.4. *Tqabbil*

(46) Wara l-iżvelar proviżorju u sussegwentement wara l-iżvelar definittiv, wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li l-Kummissjoni aġġustat b'mod żbaljat il-prezz tal-esportazzjoni tagħha skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Huwa argumenta li l-produttur u n-negozjant relatat jikkostitwixxu entità ekonomika unika u li għaldaqstant dan l-aġġustament huwa prekluż. Fi kwalunkwe każ, il-livell tal-aġġustament huwa għoli wisq billi l-Kummissjoni bbażatu fuq iż-żieda reali li ma ġietx stabbilita b'mod distakkat iżda minflok kienet ir-riżultat ta' ftehim ta' pprezzar tat-trasferimenti. Minflok, il-Kummissjoni kellha tagħmel l-aġġustament, jekk dan kien ikun il-każ, fuq il-bażi ta' żieda stmata bejn produttur u importatur mhux relatat distakkat.

(47) L-investigazzjoni wriet li l-produttur esportatur stess kellu dipartiment tal-esportazzjoni kompletament funzjonali li nnegozja l-kundizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ ma' klijenti fl-Unjoni, għamel ordnijiet ta' produzzjoni, organizza u eżegwixxa t-trasport marittimu għall-klijenti tal-Unjoni, inklużi d-dokumenti kollha tat-trasport marittimu, tal-prodott finali, tratta l-ikklerjar doganali għall-esportazzjoni u ħejja d-dokumenti tal-bejgħ. Fil-fatt, ma hemm l-ebda duplikazzjoni ta' kompiti relatati mal-esportazzjoni bejn il-produttur esportatur u n-negozjant relatat. Madankollu, il-produttur esportatur ħareġ fatturi tal-bejgħ għan-negozjant, li, min-naħa tiegħu, ħareġ fattura tal-bejgħ lill-klijent tal-Unjoni bi prezz kuntrattwali. In-negozjant relatat ġabar il-ħlas, naqqas il-mark-up u ħallas il-bqija tal-ammont lill-produttur esportatur.

([1]) Il-Kawża 338/10 Grunwald Logistik Service (GmbH) (GLS) v Hauptzollamt Hamburg-Stadt.

(48) Għaldaqstant, il-Kummissjoni jidhrilha li n-negozjant relatat ma jistax jitqies bħala dipartiment ta' bejgħ intern, anke jekk iż-żewġ kumpaniji jitqiesu bħala li jikkostitwixxu entità ekonomika waħda, u li aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) ikun kompletament iġġustifikat. Barra minn hekk, billi l-aġġustament li sar jirrifletti l-mark-up realment imposta bejn kumpaniji relatati, ma hemm l-ebda raġuni li jinbidel b'ammont teoretiku ieħor. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

(49) Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tiegħu kienu ferm ogħla minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u li għalhekk kellu vantaġġ f'termini ta' inqas kostijiet fil-proċess tal-produzzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tqis dan l-allegat vantaġġ relatat mal-kost aktar baxx ta' produzzjoni u tagħmel aġġustament meħtieġ.

(50) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din id-dikjarazzjoni. L-ewwel nett, il-produttur esportatur ma jissuġġerixxix dispożizzjoni ġuridika relevanti li taħtha jista' jsir dan l-aġġustament. It-tieni nett, ma jidhirx li kostijiet aktar baxxi minħabba l-kapaċitajiet tal-produzzjoni ogħla jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, anke jekk tista' tintwera differenza fil-kost, mhuwiex ċar kif dan jiġi rifless fil-prezz finali u jekk din ma tiġix paċuta minn differenza f'kostijiet oħrajn.

(51) Barra minn hekk, l-allegat benefiċċju ddikjarat mill-produttur esportatur jikkonċerna l-allegati kostijiet ta' produzzjoni aktar baxxi meta mqabbla mal-kostijiet imġarrba mill-Industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-produttur esportatur ma ngħatax TES u li għaldaqstant il-kostijiet tiegħu ma kinux ivverifikati. Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ddeterminat il-valur normali fuq il-bażi tal-prezzijiet attwali u/jew il-kostijiet tal-produttur tal-pajjiż analogu minħabba li l-prezzijiet u l-kostijiet f'pajjiżi b'ekonomija mhux tas-suq mhumiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq u għalhekk mhumiex, bħala tali, indikaturi affidabbli għal prezzijiet jew il-kostijiet tas-suq.

(52) Wieħed mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ iddikjara li l-Kummissjoni għandha taġġusta l-prezz tal-esportazzjoni kif joħroġ mill-fabbrika ta' wieħed mill-kompetituri tiegħu billi titnaqqaslu tariffa tas-servizz u tariffa tal-liċenzja li allegatament ħallas lil parti terza.

(53) Il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni. L-ewwel nett, il-produttur esportatur ma jissuġġerixxix dispożizzjoni relevanti tar-Regolament bażiku li taħtha jista' jsir dan l-aġġustament. It-tieni nett, anke jekk din id-dikjarazzjoni tista' tiġi interpretata li taqa' taħt l-Artikolu 2(10)(e) tar-Regolament bażiku, li jipprevedi aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, il-ġestjoni, it-tagħbija u l-kostijiet anċillari, dik id-dispożizzjoni mhijiex relatatma' tariffi tas-servizz jew kostijiet relatati ma' ftehim tal-liċenzja. Dawn il-kostijiet jikkostitwixxu l-kostijiet kummerċjali li normalment jiġġarrbu minn produttur ta' oġġetti li jużaw liċenzja tat-teknoloġija miksuba mingħand parti terza irrispettivament minn jekk dawn ġewx esportati jew mibjugħa domestikament. Għaldaqstant, dawn il-kostijiet għandhom ikunu riflessi fil-prezz finali ta' kemm l-esportazzjoni kif ukoll il-bejgħ domestiku. Għalhekk, dawn il-kostijiet ma jistgħux jaffettwaw il-komparabbiltà bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali. Għaldaqstant, aġġustament skont l-Artikolu 2(10) mhuwiex iġġustifikat u għalhekk id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(54) Kif stipulat fil-premessi 67 u 68 tar-Regolament proviżorju, sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(55) Fuq din il-bażi, fil-każijiet kollha fejn intwera li tiġi affettwata l-komparabiltà tal-prezzijiet, saru aġġustamenti speċifiċi għall-kumpanija għall-kostijiet tat-trasport, tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, għall-ġestjoni, għat-tagħbija u kostijiet anċillari, għad-dazji fuq l-esportazzjoni u għall-kummissjonijiet. Madankollu, wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji l-Kummissjoni nnutat żball klerikali fir-rigward tal-aġġustament tal-VAT. Dan ġie kkoreġut kif xieraq għall-kalkoli tad-dumping riflessi fit-tabella rilevanti taħt il-premessa 169 hawn taħt.

(56) Żewġ produtturi esportaturi oħrajn iddikjaraw li t-tqabbil tal-prezzijiet bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali ma sarx korrettament fir-rigward ta' tip wieħed ta' prodott. Din id-dikjarazzjoni hija indirizzata fil-premessi 67–68 hawn taħt.

2.5. *Il-marġini ta' dumping*

(57) Fl-assenza ta' kummenti, il-metodoloġija ġenerali użata għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping, kif stabbilit fil-premessi 69 sa 73 tar-Regolament proviżorju, huma b'dan ikkonfermati.

(58) Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li, fil-kwestjonarju dwar l-antidumping, huwa daħħal valuri għall-Kostijiet, Assigurazzjoni u Merkanzija (valuri CIF) żbaljati għall-bejgħ tal-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-UE. Il-valuri CIF irrappurtati kienu baxxi wisq u b'hekk għollew il-marġini ta' dumping tal-kumpanija kif ukoll il-marġni ta' ħsara tiegħu.

(59) Il-Kummissjoni eżaminat din it-talba sew. Wara li l-prezzijiet CIF tat-tranżazzjonijiet rispettivi ġew iċċekkjati mill-ġdid u vverifikati fuq il-post mal-importatur tal-UE, il-Kummissjoni setgħet tivverifika l-validità ta' din id-dikjarazzjoni. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet aċċettata.

(60) Filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti tal-valur normali tal-prezz tal-esportazzjoni, u fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-marġini ta' dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġini ta' dumping
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	83,1 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	78,4 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	90,1 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	41,6 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	84,7 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	90,1 %

D. ĦSARA

1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u produzzjoni tal-Unjoni

(61) Ma ġew riċevuti l-ebda kummenti fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 75 sa 79 tar-Regolament proviżorju.

2. Konsum tal-Unjoni

(62) Wara l-iżvelar proviżorju, iċ-ċifri tal-volum tal-bejgħ ippreżentati mill-ilmentatur dwar il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġew aġġornati bid-dejta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Għaldaqstant, it-Tabella 1 ġiet ikkorreġuta (ara hawn taħt). Il-korrezzjoni ma tibdilx jew tinvalida x-xejra jew il-konklużjonijiet misluta mid-dejta fir-Regolament proviżorju. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, ix-xejra fil-konsum tal-Unjoni stabbilita fil-premessi 80–82 tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (1 000 m^2)

	2009	2010	2011	PI
Konsum totali tal-Unjoni	16 596	28 239	33 993	27 412
Indiċi	*100*	*170*	*205*	*165*

Sors: Glass for Europe, l-ilmentatur u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

3. Il-volum, il-prezz u s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat

(63) Minħabba l-korrezzjoni fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (ara l-premessa 62 hawn fuq), is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat kellhom jiġu kkoreġuti wkoll (ara t-Tabella 2). Il-korrezzjoni ma tibdilx ix-xejra jew il-konklużjonijiet li joħorġu mid-dejta fir-Regolament proviżorju.

(64) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 83–87 tar-Regolament proviżorju.

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet (1 000 m^2) u s-sehem mis-suq

	2009	2010	2011	PI
Sehem mis-suq	7,2 %	7,3 %	18,1 %	30,5 %
Indiċi	*100*	*100*	*250*	*421*

Sors: Glass for Europe, l-ilmentatur u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

4. **Twaqqigħ tal-prezz**

(65) Il-premessi 88 sa 89 tar-Regolament proviżorju jistabbilixxu kif it-twaqqigħ tal-prezz matul il-PI ġie determinat. Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun imħallsin mill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni u aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika ġew imqabblin mal-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-kampjun tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. L-importazzjonijiet inkwistjoni kienu għall-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi CIF, b'aġġustamenti 'l fuq, jiġifieri l-kostijiet tal-ikklerjar doganali, tad-dazju, tal-ġestjoni u tat-tagħbija. Dawk l-aġġustamenti jgħollu l-prezz, skont iċ-ċifra tal-kontroll tal-prodott, b'7 % sa 15 %.

(66) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi tan-numru ta' tip tal-prodott man-numru ta' tip tal-prodott għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' negozjar, debitament aġġustat kif stabbilit fil-premessa hawn fuq, u wara t-tnaqqis tar-roħsu l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil, meta espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-PI, wera marġini ta' twaqqigħ b'medja ponderata bejn 10,6 % u 26,7 % tal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(67) Żewġ produtturi esportaturi ddikjaraw li t-tqabbil tal-prezzijiet ma sarx korrettament fir-rigward ta' tip wieħed ta' prodott. B'mod partikolari, intqal li l-ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat kellu jitqabbel separatament mill-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda. Allegatament, il-kost u l-prezz tal-ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat huwa ħafna ogħla mill-kost u l-prezz tal-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda. Ġie ddikjarat ukoll li l-ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat "normalment" ikollu koeffiċjent tat-trażmittanza solari ħafna ogħla mill-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda. Fl-aħħar nett, wieħed mill-esportaturi ddikjara li l-moduli fotovoltajċi qatt ma jużaw ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat billi l-prezz tiegħu huwa ħafna ogħla mill-prezz tal-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda iżda l-koeffiċjent tat-trażmittanza solari tal-ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat huwa l-istess bħal dak tal-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda meta użat fil-produzzjoni tal-moduli fotovoltajċi. B'kuntrast ma' dan, it-trażmittanza għolja milħuqa mill-ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat hija allegatament importanti għall-applikazzjonijiet termali solari billi permezz tagħha l-applikazzjonijiet termali solari jistgħu jkunu ħafna aktar effiċjenti.

(68) Il-Kummissjoni tirrifjuta d-dikjarazzjonijiet imressqa mill-produtturi esportaturi għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, lil hinn mill-allegazzjonijiet ġenerali ma ġiet provduta l-ebda evidenza mill-produttur esportatur li hemm differenza konsistenti fil-kostijiet tal-produzzjoni bejn il-ħġieġ solari miksi minn naħa waħda u dak miksi miż-żewġ naħat. L-industrija tal-Unjoni argumentat bil-kontra u ddikjarat li skont it-teknoloġija tal-kisi wżata, il-kostijiet tal-produzzjoni huma differenti, u l-ħġieġ miksi miż-żewġ naħat mhux bilfors ikun ogħla minn dak miksi minn naħa waħda u viċi versa. It-tieni nett, huwa minnu li l-ħġieġ miksi miż-żewġ naħat jista' jilħaq trażmittanza solari ogħla minn ħġieġ miksi minn naħa waħda (tal-ewwel jista' jilħaq massimu ta' 98 % ta' trażmittanza solari, filwaqt li t-tieni — sa 95 %) u huwa minnu li din il-karatteristika teknika hija importanti biss għall-applikazzjonijiet termali solari, filwaqt li hija irrilevanti għall-moduli fotovoltajċi. Madankollu, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet tal-produttur esportatur, il-ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat jinbiegħ ukoll lill-produtturi tal-moduli fotovoltajċi u jikkostitwixxi wkoll is-suq ewlieni tagħhom. Fil-fatt, matul il-PI il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-ħġieġ miksi miż-żewġ naħat għall-kolletturi termali kien negliġibbli (anqas minn 1 % tal-bejgħ kollu tal-ħġieġ miksi miż-żewġ naħat; il-bejgħ l-ieħor kollu kien destinat għall-moduli fotovoltajċi).

(69) Fir-rigward tal-kostijiet ta' wara l-importazzjoni, waslu żewġ kummenti wara l-iżvelar proviżorju. Fl-ewwel kumment, l-ilmentatur argumenta li l-aġġustamenti għall-kostijiet għall-ikklerjar doganali, id-dazju, il-ġestjoni u t-tagħbija għandhom ikunu ta' rata ħafna aktar baxxa, jiġifieri EUR 0,26/m^2 għall-kostijiet tal-ikklerjar doganali, il-ġestjoni u t-tagħbija u dazju ta' 3 %, minflok EUR 0,40/m^2 u dazju ta' 3 % li ġew użati.

(70) It-tieni kumment ġie minn produttur esportatur li ddikjara li ma ġew żvelati l-ebda dettalji tad-diżaggregazzjoni, għajr EUR 0,40/m^2 ġenerali li tkopri l-kostijiet tal-ġestjoni, it-tariffi tal-ikklerjar doganali u l-ħażna temporanja tal-prodotti importati fil-post tal-importazzjoni. Ġie allegat ukoll li l-kriterji applikati sabiex jiġi determinat jekk aġġustament kienx meqjus raġonevoli jew le ma ġewx spjegati.

(71) L-aġġustamenti inkwistjoni applikati mill-Kummissjoni huma bbażati fuq dejta vverifikata riċevuta minn importaturi ta' ħġieġ solari prodott fir-RPĊ u jirriflettu l-kostijiet medji ponderati attwali mġarrbin għall-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-PI. B'kuntrast ma' dan, l-ilmentatur ipprovda dikjarazzjoni ta' tariffi standard regolari applikati minn spedituri indipendenti għal importazzjonijiet miċ-Ċina f' kontejners marittimi standard. Din id-dikjarazzjoni ma tikkostitwixxix evidenza valida tat-tariffi attwali applikati minn spedituri għal importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat waqt il-PI. Konsegwentement, id-dikjarazzjoni mressqa mill-ilmentatur ġiet irrifjutata.

(72) Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-produttur esportatur, ma tista' tiġi provduta l-ebda diżaggregazzjoni tal-ammont ta' EUR 0,40/m^2 billi dan l-ammont huwa medja ponderata kkalkulata fuq il-bażi ta' bosta fatturi attwali maħruġa waqt il-PI tal-importazzjonijiet tal-ħġieġ solari Ċiniż f'portijiet differenti tal-UE. Għaldaqstant, il-kostijiet ta' wara l-importazzjoni attwali mġarrbin ivarjaw skont il-port tad-dħul fl-UE, it-tip ta' prodott, l-użu ta' ħżin temporanju fil-post ta' importazzjoni, eċċ.

(73) Barra minn hekk, l-aġġustament mill-Kummissjoni tal-kostijiet ta' wara l-importazzjoni fir-Regolament proviżorju jitqies bħala raġonevoli billi huwa bbażat fuq fatturi attwali verifikati ta' importazzjonijiet ta' ħġieġ solari Ċiniżi mġarrbin minn importaturi indipendenti.

(74) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar il-metodoloġija wżata għall-kalkolazzjoni tat-twaqqigħ tal-prezz, il-metodu tat-tqabbil tal-prezzijiet spjegat fil-premessi (89) u (90) tar-Regolament proviżorju huwa kkonfermat.

5. **Indikaturi makroekonomiċi**

(75) Kif stabbilit fil-premessa 92 tar-Regolament proviżorju, għall-iskop tal-analiżi tal-ħsara, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u mikroekonomiċi. L-indikaturi makroekonomiċi għall-perjodu kkunsidrat ġew analizzati fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni relatati mal-produtturi kollha tal-Unjoni li ppreżentaw ruħhom matul l-investigazzjoni.

(76) Wieħed mill-produtturi esportaturi ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-analiżi tal-ħsara skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(5) tar-Regolament billi wettqet l-analiżi tal-ħsara fuq il-bażi ta' żewġ settijiet ta' dejta separati u allegatament inkonsistenti, jiġifieri l-indikaturi tal-ħsara.makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Huwa jsostni wkoll li l-allegata inkonsistenza tal-analiżi bbażata fuq iż-żewġ settijiet ta' dejta titfa' dubji serji fuq il-korrettezza, il-ġustizzja u l-oġġettività tal-istampa ġenerali tal-ħsara.

(77) Wara l-iżvelar definittiv, l-istess kumpanija tenniet id-dikjarazzjoni tagħha. Hija kkwotat ukoll għadd ta' investigazzjonijiet minn qabel fejn allegatament l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ddefinixxew b'mod inkonsistenti settijiet differenti ta' dejta bħala li jappartjenu għal makrodejta jew mikrodejta.

(78) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din id-dikjarazzjoni. Din hija metodoloġija applikabbli f'każijiet ta' kampjunar sabiex tiġi analizzata s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u sabiex jitqiesu mhux biss ix-xejriet murija mill-kampjun iżda anke mill-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-fatturi kollha preskritti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku tqiesu fl-analiżi. Il-konklużjoni dwar il-ħsara tinħareġ ukoll fuq il-bażi tagħhom kollha. Għaldaqstant, l-analiżi tal-ħsara tmexxiet f'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(79) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 90–94 tar-Regolament proviżorju.

(80) Fir-rigward tal-indikaturi makroekonomiċi analizzati mill-Kummissjoni fil-premessi 95 sa 103 tar-Regolament proviżorju, minħabba l-korrezzjoni li saret fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (ara l-premessa 62 hawn fuq), is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni inbidel kemxejn (ara t-Tabella 5). Madankollu, il-korrezzjoni ma tibdilx ix-xejra jew il-konklużjonijiet li joħorġu mid-dejta fir-Regolament proviżorju. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 95 sa 105 tar-Regolament proviżorju.

Tabella 5

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2009	2010	2011	PI
Volum tal-bejgħ (1 000 m^2)	14 696	25 303	26 556	18 039
Indiċi	*100*	*172*	*181*	*123*
Sehem mis-suq	88,6 %	89,6 %	78,1 %	65,8 %
Indiċi	*100*	*101*	*88*	*74*

Sors: Glass for Europe, l-ilmentatur u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

6. **Indikaturi mikroekonomiċi**

(81) Wara l-iżvelar proviżorju, il-kost ta' unità tal-produzzjoni ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġie aġġornat. Għaldaqstant, it-Tabella 7 ġiet kemxejn modifikata (ara hawn taħt). Il-korrezzjoni ma tibdilx jew tinvalida x-xejra jew il-konklużjonijiet misluta mid-dejta fir-Regolament proviżorju. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 106 sa 123 tar-Regolament proviżorju.

Tabella 7

Prezzijiet medji tal-bejgħ fl-Unjoni

	2009	2010	2011	PI
Kost ta' unità tal-produzzjoni (EUR/m^2)	13,13	8,38	8,44	9,34

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

7. **Konklużjoni dwar il-ħsara**

(82) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni fil-premessi 124 sa 129 tar-Regolament proviżorju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet ħsara materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

E. **KAWŻALITÀ**

1. **L-effett tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping**

(83) Fil-premessi 131, 132 u 133 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm rabta kawżali bejn il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ. Din il-konklużjoni ġiet ikkontestata minn diversi partijiet interessati, li ddikjaraw li ma hemm l-ebda koinċidenza raġonevoli u koerenti fiż-żmien bejn il-ħsara u ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat. Dan huwa minħabba l-fatt li bejn l-2009 u l-2011 l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2011 kien ta' EUR 4,96/m^2, ammont qrib dak tal-2012 (EUR 4,38/m^2).

(84) L-istess partijiet sostnew li l-konklużjoni li l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni għandha tiġi attribwita għall-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2012 tmur kontra s-sejbiet tagħha li l-importazzjonijiet Ċiniżi allegatament ma kellhom l-ebda impatt negattiv is-sena ta' qabel, speċjalment fir-rigward tal-marġini ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni, għalkemm il-prezz medju tal-importazzjoni kien simili ħafna.

(85) Mill-bidu tal-perjodu meqjus sa tmiem il-PI u waqt dan il-perjodu l-importazzjonijiet żdiedu b'596 % b'kollox, b'żieda ta' 321 % fis-sehem mis-suq. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet naqsu b'27,2 % waqt il-perjodu kkunsidrat.

(86) Huwa korrett li l-marġini ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni fl-2011 kien kemxejn inqas mill-2010, minkejja ż-żieda qawwija tal-importazzjonijiet mir-RPĊ diġà fl-2011. Madankollu, matul l-2011 il-konsum tal-Unjoni tal-ħġieġ solari żdied b'mod sinifikanti, jiġifieri b'20,4 % bejn l-2010 u l-2011, filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'150 % matul l-istess perjodu. Fil-PI, filwaqt li l-konsum naqas bi ftit inqas minn 19 %, il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'aktar minn 35 % meta mqabbel mal-2011. Dan juri b'mod ċar il-koinċidenza fiż-żmien bejn il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni fil-PI u ż-żieda qawwija tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping. Barra minn hekk, loġikament jeħtieġ xi ftit taż-żmien qabel jinħassu xi effetti negattivi taż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-produtturi tal-Unjoni (pereżempju telf ta' klijenti, tiġrib ta' telf, tnaqqis ta' redditu fuq l-investimenti u flussi ta' flus, eċċ.). Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(87) Wara l-iżvelar definittiv, l-istess partijiet sostnew li l-koinċidenza fiż-żmien bejn il-ħsara materjali mġarrba u l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping ma tistax tiġi evalwata fuq il-bażi tal-perjodu sħiħ ikkunsidrat mill-2009 sa tmiem il-PI, mingħajr ma jitqiesu x-xejriet ta' intervent osservati matul dan il-perjodu.

(88) Il-Kummissjoni analizzat ukoll xejriet ta' intervent matul il-perjodu kkunsidrat. Il-fatt li fl-2011 l-industrija tal-Unjoni kienet tabilħaqq għadha qed tagħmel profitt anke jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu diġà żdiedu b'mod qawwi f'dik is-sena ma jaffettwax il-konklużjoni li fil-PI kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn il-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping.

(89) Fil-PI, filwaqt li l-konsum naqas bi ftit aktar minn 19 %, il-produtturi esportaturi Ċiniżi:

— żiedu s-sehem mis-suq tagħhom bi 12,4-il punt perċentwali meta mqabbel mal-2011 filwaqt li s-sehem tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12,3-il punt perċentwali,

— żiedu l-volumi fl-importazzjonijiet Ċiniżi b'aktar minn 35 % kontra tnaqqis ta' 32 % fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, u

— komplew inaqqsu l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tagħhom li diġà kienu baxxi ħafna b'aktar minn 10 % u waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'massimu ta' 26,7 % u b'hekk ikkontribwixxew għat-telf imġarrab mill-industrija tal-Unjoni fil-PI.

(90) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-preżenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ż-żieda konsiderevoli tas-sehem mis-suq tagħhom bi prezzijiet li konsistentement naqqsu dawk tal-industrija tal-Unjoni ikkawżaw il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(91) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, fir-rigward tal-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 131, 132 u 133 tar-Regolament proviżorju.

2. **L-effett ta' fatturi oħrajn**

2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(92) Minħabba l-korrezzjoni fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (ara l-premessa 62 hawn fuq), is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż terzi nbidlet kemxejn (ara t-Tabella 11 hawn taħt). Madankollu, il-korrezzjoni ma tibdilx ix-xejra jew il-konklużjonijiet li joħorġu mid-dejta fir-Regolament proviżorju.

(93) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 134 sa 137 tar-Regolament proviżorju.

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (1 000m^2)

Pajjiżi terzi	2009	2010	2011	PI
Sehem mis-suq	4,2 %	3,1 %	3,8 %	3,7 %
Indiċi	*100*	*74*	*90*	*88*

Sors: Glass for Europe, l-ilmentatur u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

2.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni*

(94) Waħda mill-partijiet ikkontestat is-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessa 139 tar-Regolament proviżorju li t-tnaqqis tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-PI kien probabbilment minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna ta' esportazzjonijiet Ċiniżi lejn id-destinazzjonijiet ewlenin tal-industrija tal-Unjoni ta' esportazzjonijiet (jiġifieri l-Istati Uniti, il-Kanada). Il-parti qieset li din il-konklużjoni mhijiex ġustifikata billi l-esportazzjonijiet Ċiniżi kienu preżenti wkoll fl-2011 u għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-impatt kellu jseħħ biss fl-2012. Hija wkoll tal-fehma li r-raġuni attwali għall-bejgħ ta' esportazzjonijiet baxxi tagħhom kien il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompetittiva u, meta l-prezzijiet tas-suq dinji naqsu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibqa' kompetittiva. Konsegwentement, il-parti ddikjarat li t-tnaqqis fil-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni waqt il-PI kompla jikkontribwixxi għall-ħsara mġarrba.

(95) Il-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun huwa 20 % tal-bejgħ totali tagħhom fil-volum fl-2009 (fil-fażi ta' bidu), 11 % matul l-2010 u 14 % biss matul is-sena kruċjali tal-2011. Fl-2012 kien hemm tnaqqis ulterjuri għal 5 %.

(96) Il-Kummissjoni tirrifjuta dawn id-dikjarazzjonijiet għar-raġunijiet li ġejjin. Is-suq tal-Unjoni, billi huwa wieħed mill-ikbar fid-dinja, minn dejjem kien u għadu s-suq ewlieni għall-industrija tal-Unjoni u mhux swieq ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-fatt li l-ħġieġ solari huwa relattivament tqil u fraġli jsarraf fi spejjeż addizzjonali meta jiġi ttrasportat fit-tul (minħabba ksur u korrużjoni). Fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mit-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn id-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu tabilħaqq baxxi ħafna u komplew jonqsu aktar waqt il-PI meta mqabbel mal-2011. Dan juri li t-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa prinċipalment minħabba l-esportazzjonijiet Ċiniżi li qed ikollhom prezzijiet dejjem aktar baxxi, anke fi swieq ta' pajjiżi terzi kif ikkonfermat matul l-investigazzjoni.

(97) Wara l-iżvelar definittiv, l-istess parti ddikjarat li l-investigazzjoni kkonċernat is-suq tal-Unjoni u ma vvalutat l-ebda allegat prezzar inġust fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

(98) Barra minn hekk, is-sejbiet mill-istituzzjonijiet tal-UE, anke jekk wieħed jassumi li dawn kienu korretti, allegatament attribwixxew il-ħsara kkawżata minn fatturi oħrajn lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, l-esportazzjonijiet Ċiniżi allegatament bi prezz baxx jew issussidjati lejn pajjiżi terzi ma kinux l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lejn l-UE, u bħala tali, ikkwalifikaw bħala fattur ieħor, l-effetti ta' ħsara li ma setgħux jiġu attribwiti lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(99) Il-Kummissjoni tirrifjuta din id-dikjarazzjoni. Hija ma investigatx jekk il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tar-RPĊ lejn pajjiżi terzi humiex l-oġġett ta' dumping u/jew issussidjati. Hija sempliċiment stabbilixxiet, fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi li kienu ppreżentati mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, li dawk il-prezzijiet kienu qed jonqsu b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin.

(100) Bl-istess mod, il-Kummissjoni analizzat it-tnaqqis fil-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn pajjiżi terzi bħala fattur separat u ma attribwietux għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni. Fil-fatt, dan il-fatt intuża biss bħala spjegazzjoni possibbli għall-esportazzjonijiet imnaqqsa tal-industrija tal-Unjoni lejn id-destinazzjonijiet prinċipali tal-pajjiżi terzi tagħha fil-kuntest tal-fatt li dawn is-swieq ma kinux u qatt ma kienu s-swieq ewlenin għall-industrija tal-Unjoni. Anke fl-2010 u l-2011, li kienu snin kruċjali, aktar minn 85 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni inbiegħu fis-suq tal-Unjoni.

(101) Għaldaqstant, il-konklużjoni fil-premessa 140 tar-Regolament proviżorju li l-prestazzjoni ddeterjorata tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma tistax tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni hija kkonfermata.

2.3. *L-iżvilupp tal-konsum, il-kapaċità u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità*

(102) Waħda mill-parti ddikjarat li l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni kienet minħabba t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni. Dan allegatament huwa l-uniku fattur li deher li naqas għall-ewwel darba fl-2012 u li l-ħsara tista' raġonevolment tintrabat miegħu, filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu diġà bdew fl-2011 bi prezzijiet paragunabbli għal dawk fl-2012. Wara l-iżvelar definittiv, l-istess parti tenniet id-dikjarazzjoni tagħha.

(103) Fil-fatt, fl-2012 il-konsum naqas meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Madankollu, l-analiżi tal-Kummissjoni tibda mill-bidu tal-perjodu meqjus fl-2009 sa tmiem il-PI u waqt dan il-perjodu l-konsum tal-Unjoni żdied b'kollox b'65 %. Waqt il-perjodu kkunsidrat is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod kostanti u konsiderevoli, jiġifieri b'25,7 % b'kollox, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied bi 321 %. Iż-żieda tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienet ta' 596 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(104) Barra minn hekk, fil-PI, il-konsum tal-Unjoni kien għadu f'livell komparabbli bħal fl-2010, filwaqt li, kif jidher fit-Tabella 10 tar-Regolament proviżorju, l-2010 kienet is-sena meta l-industrija tal-Unjoni kisbet profitt raġonevoli. Għaldaqstant, it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni waqt il-PI ma jistax, fih innifsu, ikun wassal għat-telf imġarrab mill-industrija tal-Unjoni waqt il-PI. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'26,6 % bejn l-2010 u l-2012, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied bi 318 % matul l-istess perjodu. Fl-aħħar nett, jekk it-tnaqqis fil-konsum waqt il-PI kellu jikkawża l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni, allura t-tnaqqis kellu jaffettwa wkoll l-importazzjonijiet Ċiniżi. Madankollu, jidher biċ-ċar li dan ma kienx il-każ. Għall-kuntrarju, waqt il-PI, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod sinifikanti kemm fil-volum kif ukoll fis-sehem mis-suq.

(105) Konsegwentement, il-Kummissjoni tiċħad din id-dikjarazzjoni u tikkonferma l-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi 141 u 142 tar-Regolament proviżorju.

(106) Fir-rigward tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni li tinsab fit-Tabella 4 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni hija tal-fehma li ż-żieda tagħha segwiet ix-xejra b'mod ċar fiż-żieda tal-konsum tal-Unjoni sal-2011.

(107) Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll li r-raġuni ewlenija għaż-żieda bi 12,5 % tal-kapaċità ta' produzzjoni bejn l-2011 u tmiem il-PI kien id-dħul fis-suq tal-ħġieġ solari ta' kumpanija waħda, filwaqt li l-kapaċità ta' produzzjoni tal-kumpaniji l-oħrajn kollha fis-suq naqset bi ftit matul l-istess perjodu.

(108) Konsegwentement, il-Kummissjoni hija tal-fehma li, b'mod ġenerali, ix-xejra fl-iżvilupp tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni segwiet l-iżvilupp tal-konsum tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-kapaċità ta' produzzjoni għolja tal-industrija tal-Unjoni, li kienet diġà għolja fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat u li baqgħet għolja waqt il-PI, ma tistax tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(109) Wara l-iżvelar definittiv, diversi partijiet argumentaw li l-Kummissjoni naqset milli tqis l-allegata kapaċità eċċessiva bħala kawża importanti ta' ħsara. Matul il-perjodu kkunsidrat iż-żieda fil-kapaċità kienet allegatament mhux ġustifikata miż-żieda fil-konsum kif l-industrija tal-Unjoni esperjenzat differenza enormi kostanti bejn il-kapaċità ta' produzzjoni u konsum li, fl-opinjoni tagħhom, mhijiex ekonomikament vijabbli. Waħda mill-partijiet iddikjarat ukoll li l-fatt li kien hemm parteċipant ġdid fis-suq bejn l-2011 u tmiem il-PI ikkontribbwixxa għall-ħsara mġarrba billi żied il-kompetizzjoni domestika.

(110) Hija ddikjarat ukoll li t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, flimkien ma' tnaqqis fil-bejgħ tal-esportazzjonijiet, irriżultaw f'rata baxxa ta' użu tal-kapaċità. Din ir-rata baxxa ta' użu kkawżat spejjeż fissi għoljin, li, fl-opinjoni tagħha, kellhom impatt qawwi fuq l-industrija tal-ħġieġ solari tal-Unjoni.

(111) Il-Kummissjoni tosserva li l-livell tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni sħiħa kien konsistentement ogħla mill-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Madankollu, dan ma waqqafx lill-kumpaniji tal-industrija tal-Unjoni inklużi fil-kampjun milli jiksbu profitti matul is-sentejn ta' qabel il-PI, filwaqt li ġarrbu telfiet sinifikanti ta' 14,5 % biss fil-PI.

(112) Barra minn hekk, il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedet biss b'4 % bejn l-2010 u l-2011 u bi 2,6 % bejn l-2011 u l-PI, li rriżultat f'żieda globali modesta b'6,7 % bejn l-2010 u l-PI.

(113) Konsegwentement, id-differenza bejn il-konsum u l-kapaċità kienet hemm matul il-perjodu kollu meqjus u, għalkemm kemxejn ogħla fil-PI, din ma tistax tispjega t-telf kbir imġarrab mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun matul il-PI. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tirrifjuta d-dikjarazzjoni li l-livell ta' kapaċità tal-industrija tal-Unjoni mhuwiex ekonomikament vijabbli.

(114) Fir-rigward tal-argument li l-parteċipant il-ġdid fl-2012 ikkontribwixxa għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tosserva li dan il-parteċipant il-ġdid, għalkemm kellu kapaċità għolja, kellu produzzjoni u volumi tal-bejgħ limitati ħafna, fil-firxa ta' 2 % tal-bejgħ totali tal-UE, matul il-PI. B'riżultat ta' dan, id-daħla tiegħu bilkemm ħalliet impatt fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi, ħlief li żiedet b'mod sinifikanti l-kapaċità u l-użu tal-kapaċità ta' din tal-aħħar. Fil-fatt, mingħajr id-dejta ta' din il-kumpanija, il-kapaċità tal-produtturi l-oħrajn kollha tal-Unjoni fil-fatt naqsu bejn l-2011 u l-2012.

(115) Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma kkonfermatx li l-industrija tal-ħġieġ solari ntlaqtet bil-kbir bl-ispejjeż fissi. Fil-fatt, il-kostijiet fissi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu fil-medda ta' 25 %–35 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni matul il-PI. Fis-snin 2010 u 2011 ta' qabel, il-perċentwal ta' kostijiet fissi kien kemxejn inqas, iżda xorta waħda fl-istess firxa. Dan juri biċ-ċar li l-kapaċità għolja fil-PI ovvjament kellha impatt fuq il-kost tal-produzzjoni, iżda l-impatt tagħha ma kienx sinifikanti u ma jistax jispjega t-telf kbir imġarrab fil-PI, b'mod partikulari, meta mqabbel mal-profitti miksuba matul is-snin preċedenti. Barra minn hekk, ir-rata tal-użu tal-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqset meta mqabbla mas-snin preċedenti iżda xorta kienet għadha fil-livell ta' 65 % fil-PI.

(116) Fl-aħħar nett, fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni qieset ukoll li l-kapaċità installata tista' tiġi adattata għall-produzzjoni ta' tipi oħrajn ta' ħġieġ, li jaqa' barra mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Kif xieraq, anke minħabba dan l-element, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-parti interessata li l-kapaċità installata għolja mhijiex ekonomikament vijabbli.

(117) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tirrifjuta d-dikjarazzjonijiet preżentati mill-parti u ttenni li l-iżviluppi fil-konsum, fil-kapaċità u fl-użu tal-kapaċità matul il-perjodu kkunsidrat, analizzati kemm separatament kif ukoll kumulattivament, mhumiex tali li jiksru r-rabta kawżali bejn il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

2.4. *Xejriet fil-moduli solari*

(118) Żewġ partijiet iddikjaraw li, minbarra l-iżvilupp fil-konsum tal-prodott ikkonċernat, il-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni kienet ikkawżata wkoll mit-tnaqqis fil-konsum ta' moduli solari u t-telf imġarrab minn din l-industrija fi tmiem l-2011/bidu tal-2012. L-impatt tad-diffikultà finanzjarja tal-produtturi tal-pannelli solari fuq is-suq tal-ħġieġ solari allegatament beda jidher fi tmiem l-2011 u fl-2012, minħabba l-intervall latenti meħtieġ bejn iż-żewġ avvenimenti.

(119) L-istess argumenti ġew ripetuti minn waħda mill-partijiet wara l-iżvelar definittiv.

(120) Fil-premessa (143) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni tabilħaqq sabet li x-xejriet osservati fil-moduli solari għandhom impatt importanti fuq il-konsum tal-ħġieġ solari billi 80-85 % tal-bejgħ tal-ħġieġ solari jsir lil produtturi tal-moduli solari (Moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u moduli fotovoltajċi b'rita rqiqa). Madankollu, kif imsemmi fil-premessi 143 u 144 tar-Regolament proviżorju, il-konsum ta' moduli solari żdied b'mod kostanti matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri l-2009-2012, u minkejja li naqas fl-2012, il-livell tal-konsum baqa' 221 % ogħla milli kien fl-2009, u 44 % ogħla milli kien fl-2010 [1]. Barra minn hekk, ġie stabbilit li t-tnaqqis fit-tariffi "feed-in" (FITs) fi tmiem l-2011/bidu tal-2012 ma kisirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ta' moduli solari u l-ħsara materjali li nstabet [2] billi d-domanda għal moduli solari baqgħet relattivament għolja matul il-perjodu 2009-2012.

(121) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis tal-livell ta' konsum ta' moduli solari fl-2012, ma jistax jitqies waħdu bħala fattur tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping ta' ħġieġ solari mir-RPĊ u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(122) Bl-istess mod, billi d-domanda għall-moduli solari baqgħet relattivament għolja matul il-perjodu 2009-2012 u d-domanda għall-ħġieġ solari żdiedet b'65 % matul l-istess perjodu, l-impatt fuq il-konsum tal-ħġieġ solari għad-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-moduli solari fi tmiem l-2011/bidu tal-2012 ma jistax jitqies waħdu bħala fattur tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(123) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-konklużjoni li ntlaħqet fil-premessa 144 tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

2.5. *Konklużjoni dwar il-kawżalità*

(124) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma s-sejbiet tagħha fil-premessi 130–133 tar-Regolament proviżorju li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiż ikkonċernat kienu l-oġġett ta' dumping matul il-PI u li waqqgħu l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-deterjorament tal-qagħda tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping kienu f'kompetizzjoni diretta mal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u b'riżultat ta' dan l-industrija tal-Unjoni tilfet il-profittabilità u sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat. Kawżi oħrajn possibbli tal-ħsara ġew analizzati hawn fuq u l-ebda waħda minnhom, analizzata kemm individwalment kif ukoll b'mod kumulattiv, ma nstabet li hija tali li tikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(125) Ma ġiet ippruvduta l-ebda evidenza ġdida li tbiddel dik il-konklużjoni u fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn fir-rigward tal-konklużjoni dwar il-kawżalità, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 145 u 146 tar-Regolament proviżorju.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(126) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn rigward l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi (148) sa (151) tar-Regolament proviżorju.

2. **Interess tal-importaturi u tan-negozjanti mhux relatati**

(127) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn rigward l-interess tal-importaturi u n-negozjanti mhux relatati, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 152, 153 u 154 tar-Regolament proviżorju.

---

[1] It-Tabelli 1-a u 1-b fil-p. 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013 tal-4 ta' Ġunju 2013 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew li jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2013 li jagħmel dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 152, 5.6.2013, p. 5) (ir-Regolament Provviżorju dwar il-Pannelli Solari). Skont it-Taqsima B tar-Regolament Provviżorju dwar il-Pannelli Solari, il-prodott kopert minn dik l-investigazzjoni huwa moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli u wejfers tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin. Għaldaqstant, il-moduli fotovoltajċi b'rita rqiqa mhumiex soġġetti għal dik l-investigazzjoni u l-konsum tagħhom mhuwiex kopert.

[2] Is-sejbiet ta' pannelli solari tar-Regolament Provviżorju li jinsabu fil-premessi 107–109 ġew ikkonfermati fil-premessi 245 sa 265 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 1).

3. **Interess ta' fornituri ta' materja prima**

(128) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn rigward l-interess tal-fornituri tal-materja prima tal-Unjoni, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessa 155 tar-Regolament proviżorju.

4. **Interess tal-utenti**

(129) Wieħed mill-utenti ppreżenta ruħu u indika li l-miżuri ta' antidumping mhux se jaffettwawh billi ma użax ħġieġ solari prodott fir-RPĊ u mhux beħsiebu jagħmel hekk.

(130) Wieħed mill-produtturi esportaturid dikjara li l-industrija tal-ħġieġ solari tal-Unjoni tista' tibbenefika xi ftit mill-impożizzjoni ta' dazju antidumping fuq ħġieġ solari Ċiniż, iżda din tagħmel ħafna ħsara lill-industrija fotovoltajka u termali solari tal-Unjoni billi dawn ikollhom iħallsu aktar għall-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, dan x'aktarx imur kontra l-objettiv tal-protezzjoni ambjentali tal-Unjoni billi jżid il-prezzijiet għall-moduli fotovoltajċi u l-applikazzjonijiet termali solari u jiffavorixxi l-industrija tal-ħġieġ solari li hija meqjusa li hija enerġetikament intensiva.

(131) Kif stabbilit fil-premessa 157 tar-Regolament proviżorju, l-impożizzjoni tad-dazji antidumping se jkollhom biss impatt limitat ħafna (inqas minn 1 %) fuq il-kostijiet totali tal-moduli solari. Ma waslet ebda evidenza li tiddubita mill-eżattezza ta' din l-analiżi. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

(132) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn riċevuti fir-rigward tal-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi 155 sa 159 tar-Regolament proviżorju.

5. **Aspetti tal-kompetizzjoni**

(133) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar l-aspetti tal-kompetizzjoni identifikati fil-premessi 160 sa 163 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi inkwistjoni.

6. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(134) Ma ġew riċevuti l-ebda kummenti li jbiddlu l-analiżi tal-interess tal-Unjoni kif stipulat fir-Regolament proviżorju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessa 164)tar-Regolament proviżorju.

G. **MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI**

1. **Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara**

(135) Diversi partijiet interessati kkontestaw l-użu ta' 8,3 % bħala l-profitt fil-mira għall-industrija tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa 167 tar-Regolament proviżorju, filwaqt li ddikjaraw li dan kien għoli wisq biex ikun realistiku. Huma argumentaw li l-marġini ta' profitt ta' 8,3 % fl-2010 kien l-ogħla matul il-perjodu kkunsidrat, għax l-2010 kienet l-aħjar sena għall-industrija fotovoltajka dinjija. Huma ddikjaraw ukoll li huwa impossibli li l-industrija tal-ħġieġ solari tal-Unjoni tikseb l-istess marġini ta' profitt fl-2012 fin-nuqqas ta' dumping meta l-industrija tal-moduli fotovoltajċi dinjija inkluża l-industrija tal-moduli fotovoltajċi tal-Unjoni allegatament daħlet f'reċessjoni kbira fl-2012.

(136) Il-Kummissjoni tirrifjuta din id-dikjarazzjoni. Il-Kummissjoni użat il-profitt medju miksub mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fl-2010 bħala l-profitt fil-mira meta l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu għadhom żgħar u għalhekk ma setgħux diġà jservu ta' distorsjoni għall-kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Għaldaqstant, il-marġini ta' profitt użat biex jiġi stabbilit il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara jikkorrispondi għal perjodu meta l-industrija tal-Unjoni setgħet b'mod raġonevoli tistenna qligħ taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, u kienet għadha mhix affettwata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ([1]).

(137) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-industrija tal-ħġieġ solari, is-sena kruċjali tagħha ma kenitx l-2010, kif ġie ddikjarat mill-partijiet, iżda l-2011 meta hija esperjenzat l-ogħla konsum tal-Unjoni u l-ogħla volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(138) Wara l-iżvelar definittiv, waħda mill-partijiet tenniet id-dikjarazzjoni tagħha li tikkontesta l-marġini ta' profitt użat bħala l-profitt fil-mira. Hija argumentat li l-Kummissjoni għandha tqis il-fatturi l-oħrajn kollha li affettwaw il-profitabbiltà fil-PI. Hija ddikjarat li l-profitt fil-mira raġonevoli ma setax ikun ogħla minn 5 %.

(139) Il-Kummissjoni tirrifjuta din id-dikjarazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin. Il-profitt fil-mira użat mhuwiex ibbażat fuq stima iżda fuq profitt attwali milħuq mill-industrija tal-Unjoni qabel id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata minn importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping. Il-Kummissjoni tqis dan bħala profitt raġonevoli, u

([1]) Ara T-462/04 HEG u Graphite India v il-Kunsill, sentenza tas-17 ta' Diċembru 2008 (il-paragrafi 161-162).

qieset li s-sitwazzjoni fis-suq ma kenitx differenti b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-PI, jekk wieħed ma jqisx l-impatt tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping. Id-dikjarazzjoni tal-parti f'dan ir-rigward li l-konsum fl-2010 kien ħafna ogħla minn fl-2012 hija fattwalment inkorretta. Kif indikat fit-Taqsima E.2.3 hawn fuq, il-konsum fl-2010 kien f'livell simili għal dak fl-2012. Barra minn hekk, fl-2010 l-industrija tal-Unjoni kien qed tibni l-kapaċità fid-dawl taż-żieda qawwija mistennija tad-domanda, li affettwat b'mod negattiv il-profitt tagħha f'dik is-sena. Fl-aħħar nett, il-profitt fil-mira propost ta' 5 % huwa arbitrarju billi ma huwa bbażat fuq l-ebda dejta jew kalkoli attwali u għaldaqstant huwa rrifjutat.

(140) Min-naħa l-oħra, l-ilmentatur iddikjara li l-marġini ta' profitt huwa baxx wisq u li l-Kummissjoni għandha żżidu għal 15 % billi l-profitti tal-ilmentaturi għall-2010 kienu ogħla minn 10 %. Il-marġini ta' profitt aktar baxxi li produtturi oħrajn tal-UE inklużi fil-kampjun jidhru li kisbu fl-2010 huma allegatament mhux rappreżentattivi tal-profitti li jistgħu jkunu mistennija b'mod raġonevoli fin-nuqqas ta' importazzjonijiet negozjati b'mod inġust. X'aktarx, hemm raġunijiet marbutin mal-politiki ta' ġestjoni jew kwistjonijiet ta' dawk il-kumpaniji, possibbilment li jinkludu politiki ta' pprezzar fuq perjodu qasir bil-għan li jinkiseb sehem ikbar mis-suq, li jispjega għaliex huma kisbu biss marġini aktar baxx f'dik is-sena u għaliex huma kienu fost l-ewwel li esperjenzaw ħsara mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(141) Il-Kummissjoni ma taċċettax din id-dikjarazzjoni. Kif spjegat hawn fuq f'din it-taqsima, fil-fehma tal-Kummissjoni l-profitt medju fl-2010 għall-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi jirrifletti b'mod korrett il-profitt medju taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-fatt li xi membri tal-industrija tal-Unjoni ħadu deċiżjonijiet amministrattivi li wasslu għal marġini ta' profitt aktar baxx jew ogħla minn membri oħrajn tal-istess l-industrija ma jikkontradixxix din il-konklużjoni. Fil-fatt, l-eżistenza ta' dawn id-differenzi hija karatteristika intrinsika tal-imġiba tal-kumpaniji f'ekonomija tas-suq.

(142) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni tikkonferma l-metodoloġija deskritta fil-premessi 166 sa 169 tar-Regolament proviżorju.

2. **Miżuri definittivi**

(143) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqin rigward id-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-livell tal-marġini tal-ħsara, skont ir-regola tad-dazju inferjuri. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha tiġi stabbilita kif xieraq fil-livell misjub tal-marġini ta' ħsara.

(144) Wara l-iżvelar provviżorju, l-ilmentatur iddikjara li d-dazji *ad valorem* proviżorji ma kinux effettivi. Għaldaqstant huwa talab lill-Kummissjoni li timponi miżuri definittivi fil-forma ta' prezz minimu tal-importazzjoni (MIP). L-ilmentatur argumenta li dan l-MIP jagħmel il-miżuri aktar effettivi, speċjalment jekk jiġu imposti żewġ MIPs differenti, wieħed għal ħġieġ solari miksi u wieħed għal ħġieġ solari mhux miksi. Ir-raġunijiet imressqa mill-ilmentatur kienu dawn li ġejjin:

(145) L-ewwel nett, l-ilmentatur iddikjara li wara l-PI l-produtturi esportaturi kienu qegħdin ibigħu ħġieġ miksi lis-suq tal-UE bl-istess prezz li bih biegħu ħġieġ solari mhux miksi waqt il-PI. Huwa allega wkoll li l-ħġieġ miksi għandu kostijiet ta' produzzjoni ogħla minn ħġieġ mhux miksi u għaldaqstant normalment jinbiegħ bi prezzijiet li huma minn 20 % sa 25 % ogħla minn dawk ta' ħġieġ mhux miksi.

(146) It-tieni nett, l-ilmentatur iddikjara li wara l-PI, id-domanda fl-Unjoni nbidlet minn ħġieġ solari mhux miksi għal ħġieġ solari miksi. L-utenti qegħdin jixtru sehem dejjem akbar ta' ħġieġ solari miksi minflok ħġieġ solari mhux miksi. Konsegwentement, il-ħġieġ solari miksi jirrappreżenta kważi l-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ lejn l-UE fit-tieni nofs tal-2013, filwaqt li waqt il-PI l-każ kien bil-kontra.

(147) Il-miżuri antidumping fil-fatt jistgħu jieħdu forom differenti. Filwaqt li l-Kummissjoni tuża diskrezzjoni kbira meta tagħżel il-forma tal-miżuri, l-iskop jibqa' li jiġu eliminati l-effetti ta' dumping dannuż.

(148) L-investigazzjoni kkonfermat li hemm differenza sinifikanti kemm fl-ispejjeż kif ukoll fil-prezzijiet bejn il-ħġieġ solari mhux miksi u l-ħġieġ solari miksi minħabba d-differenza fil-karatteristiċi tekniċi taż-żewġ prodotti. Fil-fatt, il-ħġieġ solari miksi, li jiddependi mit-teknoloġija wżata, jista' jkun miksi min naħa waħda jew miż-żewġ naħat, iżid it-trażmittanza meta mqabbel mal-ħġieġ solari mhux miksi u jista' jkollu proprjetajiet addizzjonali ta' awtotindif, għal kontra l-ħmieġ jew ta' ebusija. Ħġieġ solari mhux miksi ta' kwalità għolja jista' jkollu trażmittanza solari sa 92 %. Il-kisi jista' jnaqqas ir-riflessjoni b'madwar 3 % (għal kull naħa) u konsegwentement iżid it-trażmittanza ta' ħġieġ solari miksi minn naħa waħda għal massimu ta' 95 % u ħġieġ solari miksi miż-żewġ naħat għal massimu ta' 98 %.

(149) Waqt il-PI, 81 % tal-ħġieġ solari, importat mir-RPĊ, mibjugħ fl-UE ma kienx miksi filwaqt li 19 % biss kien miksi. Kemm id-differenzi fil-prezzijiet kif ukoll fl-ispejjeż li hemm bejn il-ħġieġ solari miksi u dak mhux miksi matul il-PI kienu ta' madwar 30 %.

(150) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-evidenza pprovduta mill-ilmentatur ma ġiex issostanzjata biżżejjed. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza jew dejta minn sorsi oħrajn li jippermettulha tikkonkludi li mill-impożizzjoni tal-miżuri antidumping proviżorji d-domanda nbidlet minn ħġieġ solari mhux miksi għal ħġieġ solari miksi u li l-prezzijiet, b'mod partikolari, tal-ħġieġ miksi naqsu b'mod sinifikanti kif allegat mill-ilmentatur.

(151) Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din id-dikjarazzjoni u tqis xieraq li timponi dazji *ad valorem* minflok MIPs. Madankollu, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib ta' hawn fuq, se jinħolqu żewġ kodiċi ta' Tariffa Integrata tal-Komunità Ewropea (kodiċi TARIC): wieħed għal ħġieġ solari miksi u wieħed għal ħġieġ solari mhux miksi. Dawn jippermettu li l-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi tas-suq u tiddeċiedi fi żmien debitu jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri.

(152) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li fl-imgħoddi hija użat MIPs f'ċirkostanzi speċifiċi, b'mod partikolari fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

— Prezz tal-esportazzjoni partikolarment għoli għal tip ta' prodott wieħed, li jfisser li ma kien hemm l-ebda dumping fir-rigward ta' dak it-tip ta' prodott ([1]),

— Il-kunsiderazzjonijiet marbutin mas-saħħa fis-suq u s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni, għamluha neċessarja li jiġi żgurat, għal raġunijiet ta' interess tal-Unjoni, li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet ma jaqbżux ċertu livell ([2]).

(153) Barra minn hekk, prezzijiet minimi ta' importazzjoni ġew użati prinċipalment għal prodotti omoġenji, u mhux għal prodotti bħal dak preżenti, li jiġi f'varjetà ta' tipi ta' prodotti.

(154) Anke għal dawk ir-raġunijiet, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-prezzijiet minimi ta' importazzjoni mhumiex xierqa għal dan il-fajl.

(155) Wara l-iżvelar definittiv, l-ilmentatur tenna t-talba tiegħu għall-impożizzjoni ta' MIP u kkummenta dwar il-premessi 152 sa 156 hawn fuq billi indika dan li ġej.

(156) L-ewwel nett, dawk il-premessi allegatament ma jindirizzawx il-kunsiderazzjonijiet dwar l-effettività tal-forma tal-miżuri biex jitneħħew l-effetti dannużi ta' dumping u sussidju li huwa wkoll raġuni valida biex jintużaw MIPs.

(157) It-tieni nett, il-Kummissjoni allegatament ma spjegatx għaliex dawn il-kunsiderazzjonijiet huma rilevanti fil-każ preżenti u kif dawn jegħlbu l-interess tal-industrija tal-UE.

(158) It-tielet nett, huwa argumenta li l-prodott ikkonċernat huwa omoġenju biżżejjed sabiex jippermetti l-amministrazzjoni prattika ta' MIP billi ż-żewġ tipi ta' prodotti ewlenin għandhom karatteristiċi distintivi ċari li jippermettu li ssir differenzjazzjoni proprja fil-prezzijiet u amministrazzjoni u monitoraġġ faċli, speċjalment billi kważi l-importazzjonijiet kollha bħalissa huma ħġieġ solari miksi.

(159) Fir-rigward tal-ewwel dikjarazzjoni, jidher li d-domanda tista' tabilħaqq tkun inbidlet minn ħġieġ solari mhux miksi għal dak miksi. Madankollu, billi ma ngħatat l-ebda evidenza addizzjonali, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-prezzijiet, b'mod partikolari, ta' ħġieġ solari miksi naqsu b'mod sinifikanti. Konsegwentement, hija ma għandha l-ebda raġuni biex tibdel il-konklużjoni preċedenti tagħha li d-dazji *ad valorem* huma aktar xierqa biex jitneħħew l-effetti dannużi ta' dumping u sussidju.

(160) Fir-rigward tat-tieni kumment, l-iskop tal-premessi inkwistjoni kien li jintwera li l-Kummissjoni ma tqisx li dan il-każ huwa xieraq għall-impożizzjoni ta' MIP, sakemm ma jiġux sostanzjati aktar l-allegazzjonijiet li għamel l-ilmentatur. Billi dan ma sarx, il-Kummissjoni ma tqisx neċessarju li jiġi analizzat aktar il-benefiċċju ta' MIP possibbli għall-interess tal-industrija tal-UE.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 119/97 tal-20 ta' Jannar 1997 li jimponi dazji definittivi kontra d-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ligaturi li jaħdmu b'mekkaniżmu ta' ċrieki u li ġejjin mill-Malasja u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jiġbor definittivament id-dazju proviżjonali imposti (ĠU L 22, 24.1.1997, p. 1), il-premessa 70.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (KE) Nru 457/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-melamina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 124,13.5.2011, p. 2), il-premessa 76.

(161) Fir-rigward tat-tielet kumment, l-ilmentatur ma poġġiex fid-dubju t-tipi differenti ta' prodotti definiti mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni, u ma weriex li ma hu se jkun hemm l-ebda differenza fil-prezz. L-offerta għal impenn mill-produtturi esportaturi, li tipprevedi MIPs differenti, tindika wkoll li dawn id-differenzi huma reali. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku l-Kummissjoni kellha taċċetta li l-prodott ikkonċernat jista' jkun pjuttost omoġenju, hija tqis din il-kwistjoni bħala irrilevanti billi tiċħad it-talba għal MIP anke għaż-żewġ raġunijiet l-oħrajn stipulati hawn fuq. Huwa jfakkar ukoll li l-Kummissjoni tista' tqis informazzjoni li tirrigwarda l-perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni f'każijiet eċċezzjonali biss (ara l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku). L-ilmentaturi ma wrewx li s-sitwazzjoni hija sitwazzjoni daqshekk eċċezzjonali, u li r-rimedji disponibbli l-oħrajn, bħall-monitoraġġ permezz tal-ħolqien ta' kodiċi TARIC addizzjonali, ma jkunux biżżejjed.

(162) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni hawnhekk tiċħad dawn id-dikjarazzjonijiet.

(163) Wara l-iżvelar definittiv, diversi produtturi ta' moduli solari talbu wkoll għal MIP. It-tħassib ewlieni tagħhom kien:

— wara l-PI, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-ħġieġ solari naqset bil-kbir u ħafna manifatturi tal-Unjoni waqgħu b'mod irrevokabbli mis-suq. L-uniċi tliet produtturi tal-Unjoni li baqgħu fis-suq ma għadhomx kapaċi jkopru aktar minn 50 % tad-domanda Ewropea. Għaldaqstant, il-manifatturi tal-moduli solari jeħtieġu li jkopru l-bżonnijiet tagħhom bi provvisti mir-RPĊ. Wieħed mill-utenti ddikjara li, għall-provvista tiegħu, jiġi mġiegħel jiddependi fuq produttur tal-Unjoni wieħed jew tnejn jkunu jistgħu jlaħħqu mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodott rikjesti,

— id-dazji, kif inhuma proposti issa, iżidu wkoll l-ispejjeż tal-produzzjoni għall-moduli solari b'mod sinifikanti (b'madwar 3 ċenteżmi għal kull watt li hija allegatament ħamsa fil-mija tal-MIP stabbilit fil-każ tal-pannelli solari),

— L-MIP għandu jkun imfassal b'mod li ma jwassalx għal kostijiet ogħla għall-moduli solari fl-UE.

(164) Fir-rigward tal-ewwel argument, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda raġuni biex temmen li dawk il-produtturi tal-Unjoni li naqqsu jew li waqqfu temporanjament il-produzzjoni tagħhom ma jerġgħux jibdew in-negozju tagħhom b'kapaċità sħiħa ladarba l-importazzjonijiet jerġgħu jsiru bi prezzijiet ġusti. Kif deskritt fil-premessi 106 sa 112 ta' hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni għandha biżżejjed kapaċità biex tissodisfa l-konsum kollu tal-Unjoni. Konsegwentement, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata. Il-Kummissjoni tirrifjuta wkoll it-talba ta' wieħed mill-utenti li jkun imġieħel jiddependi fuq produttur tal-Unjoni wieħed jew tnejn għall-provvisti tiegħu. Fil-fatt, il-produtturi esportaturi Ċiniżi xorta jkunu jistgħu jipprovdu għas-suq tal-Unjoni. Il-miżuri antidumping, irrispettivament mill-forma tagħhom, għandhom jiżguraw li l-importazzjonijiet isiru bi prezzijiet ġusti, u ma għandhomx il-ħsieb li jwaqqfu l-importazzjonijiet mir-RPĊ għalkollox.

(165) Fir-rigward tat-tieni argument, l-utenti ma pprovdew l-ebda evidenza li tipprova l-allegazzjoni tagħhom. B'kuntrast ma' dan, fil-premessa 157 tar-Regolament proviżorju l-Kummissjoni stabbilixxiet li l-impatt tal-miżuri jkun anqas minn 1 % tal-kostijiet totali tal-moduli solari prodotti minn kumpaniji li kkooperaw fl-investigazzjoni. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

(166) Għalhekk mhuwiex meħtieġ li tittieħed pożizzjoni dwar it-tielet punt imqajjem mill-produtturi tal-moduli solari.

(167) Saret investigazzjoni antisussidji b'mod parallel mal-investigazzjoni antidumping. Fid-dawl tal-użu tar-regola tad-dazju inferjuri u l-fatt li l-marġini tas-sussidju definittivi huma inqas mil-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara, il-Kummissjoni għandha timponi d-dazju kumpensatorju definittiv fil-livell tal-marġini ta' sussidju definittivi stabbiliti u mbagħad timponi dazju antidumping definittiv sal-livell rilevanti ta' eliminazzjoni tal-ħsara. Fuq il-bażi ta' hawn fuq, ir-rata li biha se jiġu imposti dawn id-dazji hija stabbilita kif ġej:

Kumpanija	Marġni tas-sussidju	Marġini ta' dumping	Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara	dazju kumpensatorju	Dazju antidumping
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	3,2 %	83,1 %	39,3 %	3,2 %	36,1 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	17,1 %	78,4 %	26,2 %	17,1 %	9,1 %

Kumpanija	Marġni tas-sussidju	Marġini ta' dumping	Livell ta' elimi-nazzjoni tal-ħsara	dazju kumpensa-torju	Dazju antidumping
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	12,8 %	90,1 %	42,1 %	12,8 %	29,3 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	16,7 %	41,6 %	17,1 %	16,7 %	0,4 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	12,4 %	84,7 %	36,5 %	12,4 %	24,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	17,1 %	90,1 %	42,1 %	17,1 %	25,0 %

(168) Ir-rati tad-dazju antidumping għal kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni attwali. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji li nstabet matul din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn ir-rati tad-dazju (kuntrarju għad-dazju fil-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u prodott mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmijin. Il-prodotti importati magħmulin minn kumpanija oħra li isimha mhuwiex speċifikament imsemmi fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma għandhomx jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Minħabba l-fatt li kien hemm livell għoli ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi ('il fuq minn 80 %, ara l-premessa 15 tar-Regolament proviżorju), din ir-rata tad-dazju hija bbażata fuq l-ogħla marġini ta' ħsara individwali stabbilit għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Id-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn li kkooperaw" huwa bbażat fuq il-medja ponderata tal-esportaturi inklużi fil-kampjun u japplika għall-kumpanij li kkoperaw kollha li mhumiex inklużi fil-kampjun (ħlief għal Henan Yuhua, li hija soġġetta għal dazju stabbilit b'mod individwali wara t-talba tagħha għal eżami individwali (ara l-premessa 48 tar-Regolament proviżorju)).

(169) Kull dikjarazzjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpanija individwali (pereżempju wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([1]) bl-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari kull bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ta' esportazzjonijiet assoċjat, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jista' jiġi emendat kif xieraq billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenifikaw minn rati tad-dazju individwali.

3. **Impenji**

(170) Wara l-iżvelar definittiv, it-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u Henan Yuhua offrew impenji ta' prezzijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. Dawn jipprevedu MIPs differenti li jikkorrispondu għall-gruppi differenti ta' tipi ta' prodotti.

(171) Il-Kummissjoni tinnota li l-MIPs proposti mill-kumpaniji kollha huma ħafna inqas mill-prezzijiet mhux dannużi li hija stabbilixxiet matul l-investigazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tqishomx bħala stabbiliti fil-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.

(172) Anke jekk dawn ġew stabbiliti fil-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara, il-kumpaniji inklużi fil-kampjun jipproponu aġġustament trimestrali biss tal-prezz tal-ħġieġ solari miksi fuq il-bażi tal-bidla fil-prezzijiet fis-suq tal-moduli solari. Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dan il-metodu ta' indiċjar għar-raġunijiet li ġejjin.

(173) L-ewwel nett, il-prezzijiet tat-tipi ta' prodotti kollha għandhom jiġu aġġustati b'mod regolari, inkella malajr jista' jkun hemm diskrepanza maħluqa artifiċjalment bejn il-livelli tal-prezzijiet tal-ħġieġ solari miksi u u dak mhux miksi. It-tieni nett, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa xieraq li l-prezzijiet tal-ħġieġ solari jiġu aġġustati fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-utenti aħħarin (jiġifieri l-prezzijiet tal-moduli solari). Dan jista' jwassal għal restrizzjoni mhux ġustifikata tal-marġini ta' profitt fl-industrija tal-ħġieġ solari, jekk il-prezzijiet tal-moduli solari pereżempju jonqsu minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet ta' komponenti oħrajn ta' moduli solari.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België.

(174) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li l-MIPs jiġu indiċjati bil-prezzijiet tal-materja prima. Madankollu, f'dan il-każ partikolari, l-ebda materja prima ma nstabet li tikkostitwixxi sehem għoli b'mod sinifikanti talispejjeż globali tal-manifattura.

(175) Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll li l-prezzijiet tal-ħġieġ solari kienu instabbli b'mod sinifikanti waqt il-PI fir-RPĊ u fit-Turkija.

(176) Barra minn hekk, hemm riskju għoli ta' kumpens trasversali billi ċerti kumpanniji inkwistjoni jbigħu l-prodott ikkonċernat kif ukoll prodotti oħrajn lill-istess klijenti. Fl-aħħar nett, ma jidhirx li l-MIPs proposti mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun ikopru t-tipi ta' prodotti kollha manifatturati mill-produtturi esportaturi rispettivi. Dawn ilfatturi jagħmlu l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji imprattikabbli u diffiċli biex tiġi sorveljata.

(177) Konsegwentement, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tirrifjuta l-offerti ta' impenn.

4. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(178) Fid-dawl tal-marġini ta' dumping misjuba u minħabba l-livell ta' ħsara kkważata lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping proviżorju impost bir-Regolament proviżorju għandhom jinġabru definittivament, L-ammonti ggarantiti li jaqbżu r-rati definittivi kkombinati tad-dazji antidumping u kumpensatorji għandhom jiġu rilaxxati.

5. **L-infurzabbiltà tal-miżuri**

(179) Jekk il-kundizzjonijiet tas-suq jinbidlu b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi, il-Kummissjoni tista', fuq l-inizjattiva tagħha stess, tirrevedi l-forma tal-miżuri biex tevalwa jekk il-miżuri humiex qed jiksbu r-riżultati mixtieqa biex jeliminaw il-ħsara u jekk bidla fil-forma tal-miżuri hijiex ġustifikata.

(180) Sabiex tipproteġi ruħha bl-aħjar mod kontra kull assorbiment possibbli tal-miżuri, il-Kummissjoni beħsiebha tibda immedjatament reviżjoni skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku u tista' tissoġġetta l-importazzjonijiet tarreġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, jekk tingħata evidenza ta' tali mġiba. Skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' dazju impost jista' jiżdied sad-doppju tal-ammont ta' dazju impost fil-bidu.

(181) Il-Kummissjoni se tiddependi, fost l-oħrajn, fuq informazzjoni mis-sorveljanza tal-importazzjoni pprovduta millawtoritajiet doganali nazzjonali, kif ukoll informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.

(182) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku ma tax opinjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv huwa impost fuq ħġieġ solari magħmul minn ħġieġ ċatt ittemprat bil-ġir tas-soda, b'kontenut tal-ħadid ta' anqas minn 300 ppm, trażmittanza solari ta' aktar minn 88 % (mkejla skont l-AM1,5 300-2 500 nm), reżistenza għas-shana sa 250 °C (mkejla skont l-EN 12150), reżistenza għal xokkijiet termali ta' Δ 150 K (mkejla skont l-EN 12150) u li jkollu saħħa mekkanika ta' 90 N/mm^2 jew aktar (mkejla skont l-EN 1288-3), li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7007 19 80 u li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-ħġieġ solari miksi (miksi minn naħa waħda jew miż-żewġ naħat) jaqa' taħt il-kodiċi TARIC 7007 19 80 19 u l-ħġieġ solari mhux miksi jaqa' taħt il-kodiċi TARIC 7007 19 80 11.

2. Ir-rati tad-dazju definittiv tal-antidumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati fit-tabella jkunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju antidumping	kodiċi TARIC addizzjonali
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	36,1 %	B943
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	9,1 %	B944
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	29,3 %	B945
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	0,4 %	B946

Kumpanija	Dazju antidumping	kodiċi TARIC addizzjonali
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness I	24,1 %	
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	25,0 %	B999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju antidumping speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 tkun skont il-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Jekk l-ebda tali fattura ma tiġi ppreżentata, japplika d-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazji antidumping proviżorju skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2013 ([1]) jingabru definittivament. L-ammonti żgurati li jaqbżu r-rati kombinati tad-dazji antidumping li jinsabu fl-Artikolu 1(2) hawn fuq u tad-dazji kumpensatorji adottati permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 471/2014 ([2]) jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Meta kull produttur esportatur ġdid fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:

— ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) waqt il-perjodu tal-investigazzjoni (mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012),

— huwa mhuwiex relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li jkunu soġġetti għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament,

— huwa jkun attwalment esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

l-artikolu 1(2) jista' jiġi emendat billi jiżdied il-produttur esportatur ġdid mal-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun u għaldaqstant jiġi soġġett għar-rata ta' dazju medja ponderata ta' 24,1 %.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ĠU L 316, 27.11.2013, p. 8).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 471/2014 tat-13 ta' Mejju 2014 li jimponi dazji definittivi kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Ara l-paġna 23 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ANNESS I

Produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw u li ma ngħatawx eżami individwali

Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
Henan Ancai Hi-Tech Co., Ltd	B947
Henan Succeed Photovoltaic Materials Corporation	B948
Avic Sanxin Sol-Glass Co. Ltd; Avic (Hainan) Special Glass Material Co., Ltd	B949
Avic Sanxin Sol-Glass Co. Ltd;	B950
Dongguan CSG Solar Glass Co., Ltd	B950
Dongguan CSG Solar Glass Co., Ltd	B951
Pilkington Solar Taicang, Limited	B952
Novatech Glass Co., Ltd	B953

ANNESS II

Il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) trid tinħareġ u turi dan li ġej:

1. L-isem u l-kariga tal-uffiċjal tal-entità li qed toħroġ il-fattura kummerċjali.
2. Id-dikjarazzjoni li ġejja:

   "Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li (ż-żona f'm^2) ta' ħġieġ solari mibjugħ għall-esportazzjoni fil-Komunità Ewropea u li hu kopert b'din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi TARIC addizzjonali) fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."
3. Id-data u l-firma tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali.